29 ta' Ottubru, 1952

Imhallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Maria Sciberras Balbi et. *versus* John Gauci et.

**Senserija — Servigi — Żwieġ — Għerusija — "Prossenetiku Nuziale" — Likwidazzjoni — Solidarietà.**

*Il-kumpens għal servigi, jew speċi ta' senserija, pretiżi minn min ikun intrometta ruħu biex ilaqqa' għerusija, huwa ammess favur min ikun ikkonkluda l-għerusija. Mill-interpreti tad-Dritt Ruman huwa magħruf bl-isem ta' "prossenetico nuziale".*

*Imma biex intromittent simili jista' jkollu dritt għal din l-ispeċi ta' senserija, hemm bżonn li l-opra tiegħu kienet rikjesta jew aċċettata, anki taċitament, mill-partijiet, u illi l-intromissjoni tiegħu tkun wasslet lill-partijiet għall-"in idem placitum consensus".*

*Imma s-servigi ta' dak l-intromittent, li jkunu minnu magħmula inerentement għall-għerusija, ma jaqqgħomx kumpens separat u distint mill-medjazzjoni.*

*Gie deċiż li dan il-kumpens għandu jigi mħallas bir-rata ta' wieħed fil-mija fuq l-ammont tad-dota. Fil-każ preżenti, il-Qorti iffissat dan il-kumpens fl-arbitriju diskrezzjonali tagħha, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u n-natura tal-medjazzjoni u tas-servigi prestati.*

*Dan il-kumpens hu dovut miż-żewġ partijiet solidalment.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, wara li jpremettew li kienet l-attriċi li laqqgħet iż-żwieġ tal-konvenuti u kienet irrenditilhom bosta servigi; u illi l-konvenuti, debitament interpellati, ma jridux iħallsu l-kumpens minnhom dovut; talbu li l-istess konvenuti jigu kundannati jħallsu, "in solidum", dik is-somma li tkun likwidata, għall-bżonn per mezz ta' periti, bħala kumpens dovut minnhom in korrispettiv ta' dak li għamlet l-attriċi sabiex tgħaqqad iż-żwieġ tagħhom u servigi oħra. Bl-ingħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Jannar 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Illi t-talba ta' l-atturi tammonta in parti, u prinċipalment, għal senserija jew kumpens dovut lill-attriċi bħala sensala, kif huma jippretendu, fiż-żwieġ tal-konvenuti, u in parti għal ser-

viġi pretiżi prestati mill-istess attriċi lill-konvenuti. Dawn ta' l-aħħar joppomu t-talba ta' l-atturi, billi jiċħdu tant illi l-attriċi laqqgħet iż-żwieġ tagħhom kemm illi hija rrendietilhom servigi;

Ikkunsidrat, dwar it-talba għas-senserija ;

Illi dina l-ispeċi ta' senserija pretiża mill-atturi mhijiex ħlief il-"prossenetico nuziale" imsemmi mill-interpreti tad-Dritt Ruman. F'Ruma s-sensala kollha kienu jissejħu bl-isem ta' "proxenetae"; u Accursio jiddefinixxi l-"proxeneta" : "qui inquirit voluntates aliorum vel ad munera, vel ad contractus, vel ad amicitias faciendas, vel similia" (Glossa ad Digest., L. 14); u Cujaccio (Observ. et Emend., Lib. XI, cap. 18) jgħid : "Paririi hi sunt qui graece proxenatae dicuntur, quorum scilicet beneficio et interventione inter duos negotia contrahuntur, vel nomina, vel nuptiae, vel amicitiae, vel iudici consiliarus adiungitur";

Minn dan jidher illi anki dina l-ispeċi ta' senserija kienet rikonoxxuta f'dak iż-żmien, kif għadha, fejn tinsab ammessa, kif tinsab Malta, tiġi mogħtija lil min jintrometti ruħu biex jikkonkludi għerusija (App. Ċiv. 7. 5. 1951, "Borg vs. Cremona"). Imma jeħtieġu żewġ kondizzjonijiet biex intromittent simili jista' jkollu dritt għal din l-ispeċi ta' medjazzjoni, jiġifieri illi "l'intervento del mediatore sia richiesto od accettato, sia pure tacitamente, e che l'opera dell'intromittente abbia condotto i contraenti all' 'in idem placitum consensus' " (Venezia, 13. 12. 1898, Lupati v. Soranzo). Għalhekk hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk jirrikorrux dawn iż-żewġ koeffiċjenti fl-opera pretiża prestata mill-attriċi lill-konvenuti;

Illi l-perit legali wasal għall-konklużjoni illi fl-attriċi jikkonkorru dawk iż-żewġ kondizzjonijiet, u għalhekk illi hija ħaqqha d-dritt għas-senserija mitluba minnha. U din il-Qorti tadotta l-konklużjoni tal-perit legali, billi jirriżulta soddisfaċentement mill-provi quddiem l-istess perit illi l-intervent ta' l-attriċi għall-għerusija tal-konvenuti kien minn dawn aċċettat, almenu taċitament, u l-opera ta' l-attriċi kkonduċiet lill-konvenut għall-"in idem placitum consensus", biex huma jitgħarrsu u in segwitu jiżżewġu...........;

Ikkunsidrat dwar it-talba għas-serviġi;

Illi l-perit legali wasal ukoll għall-konklużjoni illi l-attriċi

pprestat servizi oħra lill-konvenuti, wara li hija kienet laqqgħethom u sa jum iż-żwieġ tagħhom, imma illi dawn is-servizi ma għandhomx jitqiesu li ħaqqhom kumpens separat u distint minn dak dovut lill-attriċi bħala medjatriċi fl-għerusija, għaliex il-prestazzjoni ta' dawn is-servizi kienet inerenti għall-medjazzjoni stess u ħaġa waħda magħha. Dina l-Qorti taqbel ukoll ma' dina l-konklużjoni tal-perit legali, fis-sens li irriżulta soddisfaċentement mill-provi fuq imsemmija mis-servizi prestati mill-attriċi lill-konvenuti minn meta l-konvenuti tgħarrsu sa meta huma żżewġu. U dawn is-servizi għandhom jitqiesu li saru inerentement mal-medjazzjoni fl-għerusija, kif ġie deċiż mit-Tribunal ta' Taranto fit-18 ta' Diċembru 1898 fil-kawża "Conte v. Vacca" (Coen, Matrimonio-Prossenetico, no. 54);

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-kumpens dovut lill-attriċi mill-konvenuti, ma jirriżulta minn ebda bażi ċerta u preċiża li fuqha jista' jiġi determinat dan il-kumpens. Ġie deċiż illi dan il-kumpens għandu jiġi mħallas bil-wieħed fil-mija fuq l-ammont tad-dota (Vol. XVII—I—114); u l-liġijiet rumani jakkordaw lis-sensala taż-żwieġ — "proxenetae nuptiarum" — kumpens fil-proporzjoni tal-kostituzzjoni tad-dota, li ma kellux jeċċedi ċerta miżura (Coen, Mediatore e Mediazione, Prossenetico Matrimoniale, no. 76);

F'dan ir-rigward dina l-Qorti jidhrilha illi, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tan-natura tal-medjazzjoni, u tas-servizi prestati mill-attriċi, fil-kriterju diskrezzjonali tagħha, dan il-kumpens għandu jkun dak ta' £25. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas dak ta' £6, valur ta' coat li l-konvenuta rrigalat lill-attriċi b'konsiderazzjoni, kif raġjonevolment għandu jiġi ritenut, għall-intromissjoni tagħha fl-għerusija fuq imsemmija. Għalhekk l-attriċi ħaqqha bħala kumpens l-ammont ta' £19;

Illi dan l-ammont għandu jiġi mħallas mill-konvenuti solidalment; għaliex l-intervent ta' l-attriċi sar għaż-żewġ konvenuti, u huma obbligati flimkien għall-ħlas dovut għal dak l-intervent, b'mod illi kull wieħed minnhom huwa tenut għall-ħlas tal-kumpens kollu dovut lill-attriċi;

Illi għad li t-talba hija ndeterminata, jidher ċar illi l-attriċi qiegħda titlob £20; u dan wara li hija taf li rċeviet minn għand il-konvenuta l-coat tal-valur fuq imsemmi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-perizja legali safejn kompatibili;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-attriċi fis-somma ta' £19, bl-imgħax legali mil-lum. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwart (¼) mill-attriċi, u in kwantu għal tliet kwarti (¾) mill-konvenuti.